MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 198/2007

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Jeff Houlgrave**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' wiehed u tmenin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmi (Lm 81.54), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond client contract number 141177 in rigward ghal servizzi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Jannar, 2006 u Settembru, 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar, 2007 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-att, dawk ta` l-ittra ufficjali lil

banek relattiva ghall-imsemmi mandat u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-PL Peter Sammut fid-19 ta’ Novembru, 2007 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------